

# Ħal Kirkop fl-Arkivju tal-Kolleġġjata Bażilka ta' Birkirkara

Horatio Caesar Roger Vella[1]

Minn xi snin ilu, il-Wisq Reverendu Prepostu Arċipriet tal-Knisja Arċipretali Kolleġġjata Bażilika Arċi-Matriċi ta' Sant' Elena Imperatriċi ta' Birkirkara, il-Kanonku Dun Anton Cassar, talabni sabiex, bħalma għamilt f'postijiet oħra,[2] norganizza l-Arkivju li għandhom fil-parroċċa tagħhom. Għal dan l-Arkivju ħadd ma għandu aċċess, u biex jinfetaħ irid tliet ċwievet u, minn tal-inqas, tliet Kanonċi. Bħalissa qiegħed nifthu waħdi! Dan ix-xogħol jikkonsisti billi naqra kull karta li hemm fih u, fi ftit kliem, indaħħal tagħrif fuqha fil-kompjuter. Dik il-karta, imbagħad, wara li nnaddafha minn insetti u trabijiet, nagħtiha numru temporanju, u npoġġiha lura minn fejn ħarġet. Wara li ndaħħal kollox fil-kompjuter bl-ordni li jien nemmen li kellhom jinsabu oriġinarjament skont is-suġġett u skont il-kronoloġija, jiena mbagħad noħroġ kollox barra, innaddaf l-ixkafef, inbiddel in-numri u ndaħħal kollox skont l-ordni ġdid li jidher fil-kompjuter. Wara dan, jiena nippubblika l-istess materjal f'forma ta' katalgu-ktieb u *C.D.* B'hekk, 'il quddiem, min ikun irid ifittex xi ħaġa, juża l-katalgu jew is-*C.D.*, u jitlob dak il-materjal lill-Prepostu jew lil min ikun inkarigat minnu. Dan ix-xogħol nagħmlu b'imħabba lejn Alla, u lejn l-Istorja tal-Knisja, u jeħodli ħafna ġranet u xhur minn ħajti.

Bħal missier li jiġbor għal uliedu, jiena ħadt ħsieb ninnota xi affarijiet li jolqtu lil ulied dan ir-raħal tagħna, u ser ngħaddihom lill-qarrejja ta' dan il-ġurnal, b'kummenti fuqhom.

## 1. Stqarrija

Stqarrija bit-Taljan (4ff.) mill-Kanċillier tal-Kurja tal-Isqof fl-1754 dwar il-Viżta Pastorali li Monsinjur Alpheran De Bussan, Isqof ta' Malta, għamel fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop u d-donazzjonijiet li Dun Duminku Ellul, Kappillan ta' Ħal Balzan, kien għamel qabel lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, u lil Dun Indrì Ellul u lill-Kjerku Lawrenz Chircop, Prokuraturi tal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[3]



Francesco Zahra, l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan, Santwarju tal-Madonna, Mellieħa.

## 2. Ċertifikati

a. Ċertifikat tal-magħmudija bil-Latin (1f.) maħruġ minn Dun Ġużepp Barbara, Kappillan ta' Ħal Kirkop, fl-10 ta' Awwissu, 1920, ta' Franġiska Farrugia, imwielda f'Ħal

Kirkop fis-27 ta' Settembru, 1894, minn Leonardu u Natalizja Bajada, mgħammda l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop minn Dun Ġużepp Barbara stess.

b. Ċertifikat taż-Żwieġ bil-Latin (1f.) maħruġ minn Dun Ġużepp Vella, Kappillan ta' Ħal Kirkop, fil-11 ta' Diċembru, 1864, ta' Ġużeppi Dingli, bin Ġorġ u Anna Zarb, minn Ħal Balzan, li żżewweġ fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop lil Lukrezja Bugeja, bint Salvu u Iżabella Farrugia, minn Ħal Kirkop, fl-10 ta' Jannar, 1792, żwieġ amministrat minn Dun Franġisku Azzopardi, Kappillan ta' Ħal Kirkop.

## 3. Karta Ġenealoġika

Pietru Zarb < Ġużeppi-Katerina Borg (B'Kara 6.4.1717) < Anna Zarb-Ġorġ Dingli (Ħal Balzan 11.10.1750) < Ġużeppi Dingli-Grazzja Bugeja (**Ħal Kirkop** 10.1.1799) < Roża Dingli-Ġużeppi Attard (Ħ'Attard 29.4.1834) < Marija Attard u Bartolomea Zarb (6.10.1841); u

Pietru Zarb < Ġwanni Battista Zarb-Marija Xuereb (B'Kara 9.8.1730) < Kanonku Ġwanni Zarb u Anna Zarb, fundatriċi.

## 4. L-14-il Ċentinarju mill-mewt ta' San Leonardu,
Patrun ta' Ħal Kirkop

*7 ta' Ġunju, 1960:*

Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bit-Taljan (1p., ittajpjata) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu tal-Knisja Kolleġġjata ta' Sant' Elena, biex jistieden lill-Kanonċi tal-Kapitlu jipparteċipaw f'servizz fl-okkażżjoni tal-14-il ċentinarju mill-mewt ta' San Leonardu.

*11 ta' Ġunju, 1960:*

Il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, jikteb bit-Taljan (1f.) lill-Kanonċi biex jistedinhom jipparteċipaw f'servizz f'Ħal Kirkop bejn it-2 u l-4 ta' Settembru, 1960.

*21 ta' Ġunju, 1960:*

Il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, jikteb bit-Taljan (1p., ittajpjata) lil Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, biex jgħidlu li erbgħa biss setgħu jattendu għas-servizz f'Ħal Kirkop.

*29 ta' Ġunju, 1960:*

Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bit-Taljan (1p., ittajpjata) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Pace, Kanċillier tal-Kapitlu, biex jgħidlu li kien



Ritratt sfukat tal-mazza tal-Kapitlu Elenjan ħierġa għal-purċissjoni fil-festa annibversarja tal-1960. (ritratt J. Boissevain)



Fuq il-lemin jidhru il-mazza u il-kanonċi tal-Kapitlu Elenjan waqt is-servizz tagħhom fl-1960. (ritratt J. Boissevain)

aċċetta li erba' Kanonċi jassistu lil Monsinjur Emanuel Galea, Isqof Awżiljarju ta' Malta u Vigarju Ġenerali, u lil Monsinjur Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex.

*4 ta' Lulju, 1960:*

Il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, jikteb bit-Taljan (2ff.) lill-erba' Kanonċi li kienu ser jassistu lil Monsinjur Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fit-2 ta' Settembru, 1960, fl-okkażżjoni tal-14-il ċentinarju mill-mewt ta' San Leonardu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

*5 ta' Lulju, 1960:*

Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bil-Malti (1f.) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, biex jgħarrfu bil-programm ta' parteċipazzjoni mill-Kapitli ta' Cospicua, Vittoriosa, San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta u ta' Birkirkara.

*11 ta' Lulju, 1960:*

Il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, jikteb bil-Malti (1p., ittajpjata) lil Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, biex jikkonferma li erba' Kanonċi kienu ser jieħdu sehem, u biex jitolbu li s-suċċessur tiegħu ma jbiddilx id-dettalji tal-programm.

*26 ta' Settembru, 1960:*

Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bil-Malti (1p., ittajpjata) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, biex jirringrazzjah tas-sehem li l-Kanonċi kienu taw fiċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju.

*Pubblikazzjoni tal-Festi Ċentinarji:*

*Festi kbar jagħmel Ħal Kirkop lill-Maħbub Patrun tiegħu San Leonardu, Abbati, fl-okkażjoni tal-XIV-il Ċentinarju mill-21 ta' Awwissu sal-4 ta' Settembru, 1960*, b'nota minn Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop. Empire Press, Istitut Kattoliku, Floriana, 8pp. (b'ritratt tal-vara ta' San Leonardu).

## 5. L-Ewwel Quddiesa Solenni f'Birkirkara ta' Dun Ġużepp Theuma, Kappillan Futur ta' Ħal Kirkop

*7 ta' Frar, 1957:*

Id-Djaknu Ġużeppi Theuma, minn Birkirkara, jikteb bit-Taljan (1p., ittajpjata) lill-Prepostu u l-Kapitlu biex jitħalla jagħmel l-ewwel quddiesa tiegħu solenni fil-Bażilka fit-3 ta' Mejju, 1957, u biex imexxi l-purċissjoni tal-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes. L-orkestra kienet ser tkun f'idejn Maestro Ġużeppi Grima, li kien jiġi minnu, il-prietka kien ser jagħmilha Patri R. Azzopardi O.S.A., u l-parrinijiet kellhom ikunu l-Kanonku Kantur Vinċenz Ciappara, u Ġwanni Marija Mamo, nannuh.

*10 ta' Frar, 1957:*

Il-Kanonku Anton Mallia Borg, Kanċillier, jikteb bit-Taljan (1f.) lill-Kanonċi biex iċedu posthom lid-Djaknu Ġużeppi Theuma li xtaq imexxi l-purċissjoni tal-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes wara li jqaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu.

*14 ta' Frar, 1957:*

Il-Kanonku Anton Mallia Borg, Kanċillier, jikteb bit-Taljan (1f.) lid-Djaknu Ġużeppi Theuma biex jgħidlu li l-Kapitlu kien laqa' it-talba tiegħu li jqaddes l-ewwel quddiesa

tiegħu solenni fil-Bażilka.

## 6. Il-Pussess ta' Dun Ġużepp Theuma,
Kappillan ta' Ħal Kirkop


Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop 1960-1966

*7 ta' Ottubru, 1960:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bil-Malti (1f.) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, biex jistieden lill-Kapitlu u lill-Kleru ta' Birkirkara għall-Pussess tiegħu.

*12 ta' Ottubru, 1960:*

Il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, jikteb bil-Malti (1f.) lil Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, biex jgħidlu li l-Kanonċi ma setgħux jattendu għall-Pussess tiegħu minħabba li kienu ser jieħdu sehem dakinhar stess fil-purċissjoni fil-jum ta' riparazzjoni kontra d-dagħa. Delegazzjoni kellha tiġi tarah fis-17 ta' Ottubru.

## 7. Il-Pussess ta' Dun Ġużepp Theuma,
Kappillan ta' Ħal Kirkop,
Bħala Kanonku Onorarju tal-Kapitlu ta' Birkirkara

*14 ta' Ottubru, 1962:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bit-Taljan (1f.) lill-Kapitlu ta' Birkirkara biex jiġi kkunsidrat bħala Kanonku Onorarju ta' Birkirkara.

*6 ta' April, 1963:*

L-Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Kanonku Arturu Bonnici, Segretarju tal-Arċisqof, jibagħtu Editt bil-Latin ittajpjat (1p.) li bih jaħtru lil Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, bħala Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

*27 ta' Lulju, 1963:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bil-Malti (2ff.) lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, Kanċillier tal-Kapitlu, dwar it-trattament li xtaq jorganizza wara li jieħu l-Pussess tiegħu bħala Kanonku Onorarju.

## 8. Dun Ġużepp Theuma,
Kappillan ta' Ħal Kirkop

*19 ta' Novembru, 1966:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop, jikteb bil-Malti (1f.) lill-Kapitlu biex jirringrazzjah tas-servizz li ta fil-funeral ta' missieru.

## 9. Dun Ġużepp Theuma,
Kappillan tal-Gżira

*13 ta' April, 1967:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan tal-Gżira, jikteb bil-Malti (1f.) lill-Kanċillier biex jitlob lill-Kapitlu jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet fil-festa titulari tal-Gżira.

*12 ta' Lulju, 1967:*

Dun Ġużepp Theuma, Kappillan tal-Gżira, jikteb bil-Malti (1f.) lill-Kanċillier biex jirringrazzja lill-Kapitlu tas-sehem li ta fil-festa titulari tal-Gżira.

## 10. Kummenti

1.1 Monsinjur Alpheran De Bussan, Isqof ta' Malta

Monsinjur Alpheran De Bussan ġie kkonsagrat isqof mill-Papa Benedittu XIII fl-1728 u dam isqof sal-1757. Kien Prijur ta' Aix fi Franza u Arċisqof ta' Damjata. Ikkonsagra diversi knejjes f'Malta u bena s-Seminarju tal-Imdina, li fiha ħalla midfuna qalbu. Ta ħafna għotjiet lill-Katidral u għen lill-fqar. Kien permezz ta' dan l-isqof li l-Kanonċi tal-Katidral kisbu mill-Papa l-privileġġ li jilbsu l-mitra u jġorru fuqhom is-salib pettorali. Huwa ġabar il-fdalijiet tal-Isqfijiet Catagnano, Bosio, Cubelles, Cagliares u Balaguer, u ħalla fuq qabarhom iskrizzjoni tal-irħam. Huwa miet fl-1757 fl-età ta' 71 sena, u ndifen fil-kannierja tal-Katidral.[4]

1.2 Dun Duminku Ellul, Kappillan ta' Ħal Balzan

Dun Duminku Ellul twieled f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Lulju, 1632, mill-Avukat Ġwanni u Antonja Ellul,[5] u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-istess jum.[6] Missieru, Ġwanni, bin Ġakbu u Imperja, minn Ħal Kirkop, iżżewweġ lil Antonja Ellul, bint Lazzru u Imperja Zammit, fit-28 ta' Settembru, 1631, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[7] Ħut Dun Duminku Ellul li tgħammdu f'Ħal Kirkop kienu dawn: Ġwanni Pawlu, li twieled u tgħammed fit-28 ta' Jannar, 1636, u Wistin, li twieled u tgħammed fis-7 ta' Marzu, 1641.[8] B'hekk nafu li kienu tliet aħwa. Ommu Antonja mietet f'Ħal Kirkop fis-17 ta' Awwissu, 1649, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[9]

Dun Duminku ġie magħżul Kappillan ta' Ħal Balzan mill-Isqof Balaguer f'Diċembru, 1662. Fi żmienu u b'ħidmietu nbniet il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Huwa miet fil-11 ta' Lulju, 1696.[10]

1.3 Dun Indrì Ellul, Prokuratur tal-Veneranda Lampada ta' Ħal Kirkop

Dun Indrì Ellul twieled f'Ħal Kirkop minn Valerju u Agata Grech fit-8 ta' Frar, 1665. Ħut Dun Indrì li twieldu u tgħammdu f'Ħal Kirkop kienu dawn: Gabriel, li twieled fl-24 ta' Frar, 1656, u tgħammed fl-istess jum u li miet tliet snin wara u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-27 ta' Novembru, 1659;[11] Marija, li twieldet fl-24 ta' Frar, 1657, tgħammdet fl-istess jum, u mietet xi snin wara; Grazzja, li twieldet fil-25 ta' Diċembru, 1658, u tgħammdet fl-istess jum; Gabriel ieħor, li twieled fit-22 ta' Settembru, 1660, tgħammed l-għada u miet xi snin wara; Duminku, li twieled fid-19 ta' Frar, 1662, u tgħammed fl-istess jum; Marija oħra, li twieldet fis-17 ta' Settembru, 1667, tgħammdet fl-istess jum u mietet erba' snin wara u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-10 ta' Ottubru, 1671;[12] Gabriel ieħor, li twieled fis-16 ta' Jannar, 1669, tgħammed l-għada u miet ta' ftit xhur u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-13 ta' Settembru, 1669;[13] u Gabriel ieħor, li twieled fis-27 ta' Frar, 1670, tgħammed fl-istess jum u miet seba' snin wara u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta'

Ħal Kirkop fis-16 ta' Ottubru, 1677.[14] B'kollox kienu disgħa, għalkemm tlieta biss baqgħu ħajjin. Missier Dun Indrì, Valerju, miet f'Ħal Kirkop fid-19 ta' Settembru, 1674, ta' 60 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[15]

Dun Indrì kien sekonda kuġin ta' Dun Duminku Ellul imsemmi aktar 'il fuq. Dan għaliex missier Dun Indrì, Valerju, twieled minn Gabriel u Marjetta Magro f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan t'hemmhekk, Dun Marju Mallia, fil-15 ta' Lulju, 1614,[16] waqt li Gabriel twieled minn Duminku u Marjetta Mizzi f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi, Dun Bartilmew Mangion fis-16 ta' Lulju, 1570;[17] min-naħa l-oħra, missier Dun Duminku, Ġwanni, twieled minn Ġakbu u Imperja,[18] waqt li Ġakbu twieled mill-istess Duminku u Marjetta Mizzi f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan, Dun Bartilmew Mangion, fit-22 ta' Frar, 1579.[19] Din il-qrubija bejn Dun Duminku u Dun Indrì għenet biex Dun Duminku ħalla dak il-legat imsemmi fuq lil kuġinuh bħala Prokuratur tal-Veneranda Lampada, u lis-suċċessur tiegħu, Dun Lawrenz Chircop.



Skola ta' Francesco Zahra jew iċ-ċirku tiegħu, San Luqa u San Lawrenz, 1784, Knisja tal-Lunzjata, Ħal Kirkop

Dun Indrì Ellul kien ukoll Viċi ta' Ħal Kirkop. Huwa jissemma fiż-żwieġ ta' bejn Salvu Vassallo, bin il-mibki Ġużeppi u l-mibkija Lukrezja, mis-Siġġiewi, u Briġitta Ellul, bint Ġwanni Battista u Lukrezja, minn Ħal Kirkop, fid-19 ta' Frar, 1713.[20]

1.4 Il-Kjerku Lawrenz Chircop, Prokuratur tal-Veneranda Lampada ta' Ħal Kirkop

Il-Kjerku Lawrenz Chircop, wara, Dun, jidher fl-iskrizzjoni ta' ġol-pittura ta' San Lawrenz li tinsab ġewwa l-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Kirkop. L-uniku żwieġ f'Ħal Kirkop li seta' kien dak tal-ġenituri ta' Dun Lawrenz Chircop kien dak ta' Ġwanni Chircop, bin Marinu u Lukrezja *sive* Grazzja, minn Ħal Kirkop, li żżewweġ lil Marija Muscat, bint Klement u Anna, minn Ħal Kirkop, fl-10 ta' Frar, 1711.[21] Jekk wieħed jgħodd minn dan iż-żwieġ, Dun Lawrenz seta' kellu, fl-1754, meta tlestiet il-pittura msemmija fuq, mhux iktar minn 42 sena. Missier Ġwanni Chircop, Marinu, bin Ġwanni Pawlu u Ġulja, minn Ħaż-Żebbuġ, iżżewweġ lil Grazzja Dimech, bint Marju u Duminka, minn Ħal Kirkop, fit-2 ta' Lulju, 1673, waqt li missier ommu, Klement Muscat, iżżewweġ barra mir-raħal.[22] Ħut Dun Lawrenz kienu Anġlu, li miet f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Marzu, 1799, ta' 78 sena, u Pawla, imrobbija minn missieru u ommu, u li mietet f'Ħal Kirkop fl-4 ta' April, 1800, ta' 70 sena.[23]

Dun Lawrenz Chircop jidher bħala xhud ta' żwieġ, meta kien għadu fil-Ordnijiet Sagri Minuri, ta' bejn Salvu Sacco, bin il-mibki Luqa u Grazzja, mill-Imqabba, u Marija Ellul, armla ta' Franġisku Saliba, bint il-mibki Luqa u Polissena, minn Ħal Kirkop, li seħħ fl-1

ta' Ġunju, 1744,[24] u, meta kien ġa qaddes, bħala xhud taż-żwieġ tat-18 ta' Lulju, 1751, bejn Indrì Zammit, bin Duminku u Domenikuzza, mill-Imqabba, u Marija Darmanin, bint il-mibki Rokku u Tereża, minn Ħal Kirkop.[25] Bejn l-1749 u l-1752, Dun Lawrenz Chircop kien wieħed mill-Prokuraturi tal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[26]

1.5 Il-Veneranda Lampada ta' Ħal Kirkop

Il-Veneranda Lampada kienet Konfraternità li oriġinarjament kienet tieħu ħsieb li tara li quddiem is-Sagrament kien ikun hemm xi lampa tixgħel; biż-żmien, din il-Konfraternità bdiet tieħu ħsieb l-istess Knisja Parrokkjali, u tidħol għal xogħol ta' restawr, introduzzjoni ta' statwi ġodda, bini ġdid, funzjonijiet u festi liturġiċi, u għaż-żejt li kien jinħaraq fil-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan.[27]

*2a.1 Dun Ġużepp Barbara, Kappillan ta' Ħal Kirkop*[28]

Dun Ġużepp Barbara twieled fit-8 ta' Marzu, 1842, minn Antonju u Marija Tereża Mifsud, minn Ħal Għaxaq.[29] Huwa tgħammed l-għada, id-9 ta' Marzu, fil-Knisja tal-Portu Salvu, il-Belt Valletta, minn Patri Filippu Duminku Sammut, Viċi-Kappillan. Ismijietu kienu dawn: Ġużeppi, Fidiel, Ġwanni, Mikiel, Marjanu u Duminku. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mikiel Azzopardi u Marjanna Barbara, bint Ġwanni u Franġiska. Mikiel Azzopardi probabbilment kien iz-ziju ta' missieru, u Marjanna kienet oħt missieru. Antonju Barbara, missier Dun Ġużepp, kien bin Ġwanni u Franġiska Azzopardi, u żżewweġ lil Marija Tereża Mifsud, bint Marju u Kristina Mifsud, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fit-12 ta' Jannar, 1839, meta Kappillan kien Dun Tumas Naudi.

Dun Ġużepp Barbara kien Kappillan ta' Ħal Kirkop mill-1876 sal-1932. B'hekk sar l-uniku Kappillan li mexxa l-Parroċċa ta' Ħal Kirkop għal tant snin, 56 sena! L-eqreb li dam Kappillan għal tant snin kien Dun Duminku Farrugia, li mexxa l-parroċċa għal 46 sena bejn l-1665 u l-1701. Bħala Kappillan, Dun Ġużepp Barbara kattar il-qima li kien hawn f'Ħal Kirkop lejn San Ġużepp u waqqaf il-Fratellanza f'ġieħ dak il-qaddis. Huwa ordna statwa ġdida ta' San Leonardu u oħra ġdida ta' San Ġużepp, li għadha tintuża sa llum. Il-paviment tal-art tal-knisja jmur lura wkoll sa żmienu. Kien bniedem ta' talent kbir, tant li ddiżinja diversi affarijiet, fosthom it-tużell li jintuża fil-festa ta' San Ġużepp, il-ġilandra, li hi unika f'Malta fil-kobor u s-sbuħija tagħha, u li llum qed tiġi restawrata fi żmien il-Kappillan preżenti, Dun Noel Camilleri, u ostensorju li hemm fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq, u li hu lesta fl-1902. Kien ġeneruż, tant li għamel ħafna għotjiet ta' rikkezzi lill-Knisja ta' Ħal Kirkop, fosthom it-terħa meħjuta bid-deheb tal-Altar ta' San Ġużepp, u li fuqha tidher l-arma tiegħu. Dun Ġużepp kien ukoll saċerdot intelliġenti, tant li kellu Dottorat fit-Teoloġija.



Lazzaro Pisani, Dun Ġużepp Barbara, Seklu 20, Knisja tal-Lunzjata, Ħal Kirkop

Il-Kappillan Barbara miet fis-17 ta' Jannar, 1932,[30] meta kien għadu Kappillan ta' Ħal Kirkop, fid-dar tiegħu li dak iż-żmien kienet iġġib in-numru 29, fi Triq San Benedittu. Dak inhar ittieħed għall-qima tan-nies fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. L-għada, it-18 ta' Jannar, sarlu l-funeral fl-istess knisja u ndifen hemm stess fil-qabar numru 6. Tifkiriet oħra

tiegħu huma l-iskrizzjoni fuq l-irħam li hemm fil-paviment tal-presbiterju, illum mgħotti bl-altar tal-injam; iskrizzjoni ta' donazzjoni għall-Altar ta' San Ġużepp, u iskrizzjoni u pittura tiegħu, xogħol Lazzru Pisani, li l-poplu ta' Ħal Kirkop ħallas biex jonora lil Dun Ġużepp Barbara, liema pittura tinsab miżmuma fil-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Kirkop.[31]

*2a.2 Franġiska Farrugia*

Franġiska Farrugia ġiet mogħtija l-ismijiet l-oħra ta' Marija, Ġużeppa u Katerina. Il-Parrini tagħha kienu Rokku Muscat u Konċetta Muscat, bint Ġużeppi u Katerina Polidano, miż-Żurrieq. Hija żżewwġet lil Salvu Azzopardi fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa fil-5 ta' Settembru, 1920, meta hija kellha 25 sena. Kemm damu joqogħdu Ħal Kirkop, missierha u ommha kellhom wild wieħed ieħor, binthom Marija Ġużeppa, li twieldet fis-7 ta' Awwissu, 1892, sentejn qabel Franġiska, u tgħammdet l-għada mill-Kappillan Dun Ġużepp Barbara fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Minħabba periklu ta' mewt imminenti, hija tgħammdet qabel f'darha mill-qabla Anġelika Barbara, bint Lawrenz u Franġiska. Il-parrini kienu Salvu Farrugia, missier Leonardu, minn Ħal Kirkop, u għalhekk in-nannu ta' Marija u Franġiska, u Ġużeppa Bajada, oħt Natalizja, iz-zija ta' Marija u Franġiska. Leonardu Farrugia, missier Franġiska, kien bin Salvu u Vinċenza xebba Farrugia, u twieled f'Ħal Kirkop fl-20 ta' Settembru, 1868, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop mill-Kappillan Dun Ġużepp Vella. Il-Parrini tiegħu kienu Tumas Farrugia, bin Vinċenz, minn Ħal Kirkop, u Ġużeppa Farrugia, mart Mikiel, miż-Żurrieq. Missier u omm Natalizja, omm Franġiska, kienu Franġisku u Marija Barbara, minn Ħal Luqa.[32]

*2b.1 Dun Ġużepp Vella, Kappillan ta' Ħal Kirkop*

Dun Ġużepp Vella kien min-Naxxar, fejn kien ukoll Viċi. Wara sar Vigarju-Kurat taż-Żurrieq, fejn għammed lill-Arċipriet futur Dun Ġwann Sultana u lill-qassis futur Dun Pietru Pawl Saydon, iz-ziju ta' Monsinjur Professur Pietru Pawl Saydon.[33] Fis-16 ta' April, 1859, huwa ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Ħal Kirkop taħt l-Isqof Pace Forno. Kien Kappillan żelanti.[34]

*2b.2 Lukrezja Bugeja*

Missier Lukrezja *sive* Grazzja Bugeja, Salvu, bin Indrì u Marija mill-Qrendi, iżżewweġ lil Veneranda *sive* Iżabella *sive* Bellika[35] Farrugia, bint Karlu u Roża Cassar minn Ħal Kirkop fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-4 ta' Novembru, 1759. Ulied Ġużeppi u Lukrezja Dingli mgħammda f'Ħal Kirkop kienu dawn: Benedittu, imwieled fit-18 ta' Settembru, 1792, f'Ħal Kirkop, u mgħammed l-għada f'dar ommu minn Natalizja Zammit, qabla miż-Żurrieq, minħabba periklu tal-mewt; Roża, imsemmija għal biżnannietha, imwielda fl-14 ta' Ottubru, 1794, f'Ħal Kirkop, u mgħammda fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop; u Salvu, imsemmi għal missier ommha, imwieled fl-1 ta' Frar, 1797, f'Ħal Kirkop, u mgħammed fl-istess jum f'dar ommu minn Natalizja Zammit, qabla miż-Żurrieq, minħabba periklu tal-mewt.[36]

Il-magħmudija ta' Lukrezja Bugeja ma tidhirx f' Ħal Kirkop. Ħaġa bħal din isseħħ jew għax tkun mgħammda x'imkien ieħor minħabba xi legat ta' privileġġ, jew għax fil-proċess ta' ħajjitha ħadet it-tieni isem tagħha. Ħut Lukrezja kienu mwildin f'Ħal Kirkop u mgħammda fil-Knisja Parrokkjali t'hemm hekk: Karlu, imsemmi għal missier ommu, li twieled fit-30 ta' Awwissu, 1760, u tgħammed l-għada; Ġużeppa, li twieldet fis-26 ta' April, 1763, u tgħammdet f'dar ommha fl-istess jum minn Marija Bianco, qabla, armla ta' Alessandru, minħabba periklu imminenti tal-mewt, imma li mietet fis-26 ta' Ottubru, 1764;

Marija, imsemmija għal omm missierha, li twieldet fit-2 ta' Diċembru, 1764, u tgħammdet l-għada; Teodora, li twieldet fit-12 ta' Marzu, 1768, u tgħammdet l-għada; Anna, li twieldet fil-21 ta' Settembru, 1769, u tgħammdet fl-istess jum; Damjan, li twieled fid-19 ta' Mejju, 1772, u tgħammed l-għada; Katerina, li twieldet fis-26 ta' Diċembru, 1774, u tgħammdet l-għada; u Ġużeppa oħra, li twieldet fil-31 ta' Lulju, 1777, u tgħammdet fl-istess jum.[37] B'hekk l-aħwa kienu jgħoddu disgħa.

Minn dawn l-ulied nafu li Marija Buġeja romlot minn Ġwanni Caruana, imbagħad minn Ġużeppi Cachia qabel ma mietet ta' 81 sena fil-11 ta' April, 1845, fl-isptar tal-Belt Valletta u ndifnet fiċ-ċimiterju li kien jagħmel miegħu.[38]

Ta' min wieħed jinnota li kemm Ġużeppi Dingli, ir-raġel ta' Grazzja, u kemm ħuh Annunzjatu żżewġu f'Ħal Kirkop. Annunzjatu żżewweġ lil Katerina Sacco, bint Pietru u Marija Saliba, minn Ħal Kirkop, fit-13 ta' Lulju, 1794.[39]

*2b.3 Dun Franġisku Azzopardi, Kappillan ta' Ħal Kirkop*

Dun Franġisku Azzopardi kien minn Ħal Kirkop u ġie magħżul kappillan tar-raħal tiegħu fit-13 ta' Novembru, 1773, fi żmien l-Isqof Fra Giovanni Carmine Pellerano. Kien fi żmien Dun Franġisku li fl-10 ta' Novembru, 1782, li l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini. Fl-1779 tpoġġiet il-lanterna tal-koppla bir-relikwi ta' San Primu u San Abbondanzju taħt is-salib tagħha. Fi żmienu wkoll inġab il-Korp-Sant ta' San Benedittu, Martri, fl-24 ta' Lulju, 1791, solennement mill-Knisja ta' San Nikola f'Ħal Kirkop għall-Knisja Parrokkjali. Dun Franġisku miet ta' 60 sena fid-dar parrokkjali bħala Kappillan ta' Ħal Kirkop fl-24 ta' April, 1799. Indifen fil-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

Dun Franġisku jissemma għall-ewwel darba fir-reġistru tal-magħmudijiet, f'dik tal-14 ta' Frar, 1774.[40]

*4.1 L-14-il Ċentinarju mill-Mewt ta' San Leonardu, Patrun ta' Ħal Kirkop*

Kien propju s-sena l-oħra li Ħal Kirkop iċċelebra l-1450 mill-mewt ta' San Leonardu. Wieħed hawn jinnota kif aħna ċċelebrajna dan l-anniversarju sena qabel (2009) minn ta' qabilna, ħamsin sena ilu (1960).

*4.2 Dun Pawl Pace, Kappillan ta' Ħal Kirkop*

Mons. Pawlu Pace twieled f'Ħal Qormi fid-dar numru 6, Triq San Pawl, fit-18 ta' Settembru, 1931, fl-10.00a.m. Huwa tgħammed mill-Viċi Dun Ġużepp Buhagiar fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorg Martri,



Dun Pawl Pace Kappillan ta' Ħal Kirkop 1957-1960, bilqegħda bejn Dun Nard u Dun Ġużepp Theuma flimkien ma' membri tal-Kumitat fl-1960 f'ċerimonja ġewwa l-każin li irringrazzjat lil Kappilan Pace ta' ħidmitu u laqgħet lil Dun Ġużepp Theuma bħala l-Kappillan il-ġdid. (ritratt Joe Agius)

meta Arċipriet kien Dun Vinċenz Azzopardi, fil-21 ta' Settembru, 1931, u ngħata l-ismijiet ta' Pawlu, Spiridjun u Wiġi. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mikiel Sciberras, bin Spiridjun, u martu Karmela, minn Ħal Qormi. Mons. Pawlu Pace rċieva l-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex, fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri, fl-10 ta' Ġunju, 1939, meta kellu tmien snin: il-parrinu tiegħu kien ħuh, Ġorġ Pace, bin Mikiel, minn Ħal Qormi. Fid-9 ta' April, 1955, Pawlu Pace ordna Suddjaknu, fid-19 ta' Diċembru tal-istess sena ordna Djaknu, u fis-17 ta' Marzu, 1956, ordna Saċerdot. Huwa dam Kappillan ta' Ħal Kirkop mill-1957 sal-1960. Eżatt wara li spiċċa minn Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Pawl laħaq Arċipriet taż-Żurrieq fl-1960, u spiċċa minn Arċipriet fl-1980. Wara li temm għoxrin sena servizz lill-Komunità taż-Żurrieq, li matulha jiena personalment kont narah jattendi kors fil-Liġi fl-Università ta' Malta meta jiena kont għadni student, Dun Pawlu Pace ġie mlaħħaq Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina u mar joqgħod fir-Rabat. Tnax-il sena wara, Mons. Pawlu Pace miet f'dik id-dar tar-Rabat fil-5 t'April, 1992, fl-4.15p.m., fl-età ta' 60 sena. Il-funeral tiegħu sar l-għada fiż-Żurrieq, u ġie midfun fiċ-Ċimiterju tal-Qawmien mill-Mewt, f'Ħal Qormi.[41]

*4.3 Dun Anton Mallia Borg, Kanonku Dekan tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara*

Il-Kanonku Dekan Anton Mallia Borg twieled f'Birkirkara fit-8 ta' Lulju, 1928, u tgħammed l-għada fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara mill-Kanonku Gulielmu Grech Ellul fi żmien l-Arċipriet Karmelu Bonnici, bl-ismijiet ta' Antonju, Ġużeppi, Vinċenz u Elenu. Il-parrini tiegħu kienu Filippu Ciappara, bin Ġużeppi, u Katerina Ciappara, mart il-ġja msemmi Filippu, minn Birkirkara. Missieru, Anġlu, imwieled f'Birkirkara fil-25 ta' Ottubru, 1892, bin Antonju u Marija Theuma, iżżewweġ lil Antonja Borg, imwielda f'Birkirkara fl-10 ta' Lulju, 1893, bint Vinċenz u Tereża Debono, fit-3 ta' Frar, 1917.[42] Dun Anton Mallia Borg laħaq Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1956, u għamel żmien twil bħala Kanċillier, jiġifieri, Segretarju, tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena, li tiġbor fiha numru ta' Kanonċi mwaqqfa fil-Parroċċa ta' Sant' Elena mill-Kanonċi Filippu Borg u Pierinu Borg.[43] Il-Kanonku Mallia Borg, mimli bl-għomor, huwa magħruf għall-għerf tiegħu, prinċipji Nsara sodi u għall-imħabba profonda tiegħu lejn l-istess Kolleġġjata. Bħala Kanċillier ħadem biex żamm f'ordni kbira d-dokumenti ta' dik il-parroċċa.

*4.4 Monsinjur Emanuel Galea, Isqof Awżiljarju ta' Malta*

L-Isqof Emanuel Galea twieled f'Senglea fl-10 ta' Marzu, 1891, u ordna saċerdot fl-1915. Studja fl-Universitajiet ta' Malta u tal-Gregorjan f'Ruma u speċjalizza fil-Liġi Kanonika fl-1923. Għallem il-Letteratura Latina fis-Seminarju ta' Malta u l-Liġi Kanonika fl-Università ta' Malta. Kien Kanonku Teologu f'Senglea, Segretarju Ġenerali tal-Arċisqof Caruana, Kanonku tal-Katidral u Vigarju Ġenerali. Xi wħud mill-kitbiet tiegħu dehru fil-ktieb *Frak tad-deheb*. Fl-1942 ġie maħtur mill-Papa Piju·XII bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta, u kien jgħix mas-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun, li tagħhom kien Direttur Spiritwali. Hu miet fil-21 ta' Awwissu, 1974, fiż-Żejtun. Fil-25 ta' April, 2003, ġie ppubblikat l-Editt li bih ingħata bidu għall-proċess tal-beatifikazzjoni tal-Isqof Galea. Il-fdalijiet tiegħu llum jinsabu meqjuma fil-Knisja tal-Kunvent ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun.[44]

*4.5 Monsinjur Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex*

L-Isqof Ġużeppi Pace twieled f'Victoria, Għawdex, fit-30 ta' Mejju, 1890, u studja Ruma fil-Kulleġġ Capranica biex isir qassis. Minn hemm huwa kiseb dottorat fil-Filosofija, u mill-Università Gregorjana ta' Ruma kiseb dottorat fit-Teoloġija, waqt li mill-Università

Laterana tal-istess belt kiseb dottorat fil-Liġi Kanonika. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-1913 miz-ziju ta' missieru, l-Arċisqof Pietru Pace. Tliet snin wara, is-Santa Sede ħatritu Kanonku Lettur tal-Katidral ta' Għawdex. Fl-1924 inħatar Segretarju tal-Isqof Mikiel Gonzi f'Għawdex, kif ukoll Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex. Hemmhekk kien jgħallem it-Teoloġija Dommatika, l-Iskrittura u l-Istorja tal-Knisja. Fl-1928 inħatar Arċidjaknu tal-Katidral u Prelat Domestiku tal-Papa. Ġie ordnat isqof fis-17 ta' Diċembru, 1944. Huwa miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira, il-31 ta' Marzu, 1972, u ndifen fil-Kappella tas-Santissimu Sagrament tal-Katidral ta' Għawdex.[45]

*5.9. Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop*

Dun Ġużepp Theuma twieled il-Marsa u trabba f'Birkirkara. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-1957. Fl-1960 inħatar Kappillan ta' Ħal Kirkop fejn dam sal-1967. Fl-1963 inħatar Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Nafu li missieru miet fl-1966, meta huwa kien għadu Kappillan ta' Ħal Kirkop. Wara Ħal Kirkop, lil Dun Ġużepp insibuh Kappillan tal-Gżira, tas-Siġġiewi, Viċi tal-Parroċċa San Girgor, Tas-Sliema, u Arċipriet taż-Żejtun, fejn miet f'April tal-1989 wara marda li ħakmitu. Bosta nies jafuh bħala saċerdot ta' qdusija u dedikazzjoni, umiltà u umanità.

*5.1. Maestro Ġużeppi Grima*

Ġużeppi Grima twieled f'Birkirkara fit-13 ta' Settembru, 1929. Beda l-istudji tiegħu fil-mużika mal-Banda ta' Sant' Elena taħt missieru, ma' Maestro Karmelu Costa u ma' Maestro Karmelu Pace. Studja wkoll fis-Seminarju ta' Malta fil-Floriana, u fl-Università ta' Perugia. Għallem fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u waqqaf f'Malta n-*Nights Hall Opera Choir*, li wara sar il-*Malta Operatic Choral Society* u l-*Chorus Melitensis*. Huwa żżewweġ lill-Kontessa Nicoletta Viva fl-1960. Wara, issetilja f'Napli, minn fejn wettaq karriera twila ta' suċċess fil-mużika. Fost l-unuri li rċieva, huwa ssejjaħ *Commendatore della Repubblica Italiana* fl-1967. Maestro Ġużeppi Grima miet fit-2 ta' Novembru, 1999.[46]

*5.2. Il-Kanonku Kantur Vinċenz Ciappara*

Il-Kanonku Vinċenz Ciappara, minn Birkirkara, qaddes madwar is-sena 1944. Fl-1945 insibuh Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, fl-1948 u fl-1980 Kanċillier, u fl-1967 Kanonku Kantur. Huwa kien predikatur imfittex, u kkompona xi innijiet, fosthom innu lill-Prepostu Monsinjur Nazju Sciberras Psaila bl-isem ta' "Viva l-Kbir Prepostu Tagħna". Huwa miet f'Diċembru, 1991.[47]

*7.1. Monsinjur Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta*

Mikiel Gonzi għix mill-1885 sal-1984. Kien minn Vittoriosa, u studja fis-Seminarju, fl-Università ta' Malta u fl-Università Gregorjana f'Ruma. Fl-1915, laħaq Professur tal-Iskrittura u tal-Ebrajk fl-Università ta' Malta. Serva bħala Kappillan Militari fl-Ewwel Gwerra Dinjija u sar membru fis-Senat fl-1921. Fl-1922, laħaq Segretarju tal-Arċisqof Mawru Caruana u, fl-1923, Kanonku Teologu fil-Katidral tal-Imdina. Fl-1924 ġie kkonsagrat Isqof t'Għawdex, u fl-1943 l-ewwel Arċisqof Metropolita ta' Malta (sal-1976). L-Arċisqof Gonzi ġie onorat Kavallier tal-Ordni tal-Imperu Britanniku fl-1946 u Assistent tat-Tron tal-Papa fl-1949. Fl-istess sena, ingħata l-Lawrea fil-Liġi (*Honoris Causa*) mill-Università ta' Malta u s-Salib il-Kbir Bajjulivu tal-Ordni Sovran Militari ta' Ġerusalemm f'Malta. Fl-1963 ġie mogħti t-titlu tas-Salib il-Kbir tal-Ordni ta' San Raimondo de Penafort minn Spanja, u fl-1965 dak ta' Kmandant tal-Ordni tal-Qabar Imqaddes. Huwa midfun fil-Katidral tal-Imdina.[48]

*7.2. Monsinjur Professur Arturu Bonnici*

Arturu Bonnici twieled f'Senglea fis-17 ta' Diċembru, 1903, u studja fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta. Huwa ordna saċerdot fl-1928. Studja wkoll fl-Università Gregorjana ta' Ruma, u għallem l-Istorja tal-Knisja fl-Università ta' Malta. Il-Professur Bonnici kien Segretarju tal-Kurja, Monsinjur Koġutur tal-Katidral ta' Malta u Vigarju Ġenerali. Kien Editur tal-*Leħen is-Sewwa* bejn 1931 u l-1933, u Direttur tal-Istitut Kattoliku. Huwa magħruf l-aktar għall-kontribuzzjoni tiegħu lejn l-Istorja tal-Knisja ta' Malta. Fl-1950 huwa waqqaf il-*Malta Historical Society*, u serva bħala President tagħha sakemm miet. Monsinjur Bonnici miet fid-dar tiegħu fl-Imsida fil-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.[49]

**Bibljografija**


Cassar, K. (2008). *Il-pittura f'Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008a), 286-320.

Ferres, A. (1866). *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.

Mercieca, S. (2008). *Ħal Kirkop matul is-seklu tmintax: ħarsa analitika lejn ġrajjietu*. F'H.C.R. Vella (2008a), 28-54.

Schiavone, M.J. ed. (2009). *Dictionary of Maltese biographies*. 2 volumi. Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Vella, H.C.R. (2005). *L-iskrizzjonijiet li jinsabu fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M., Żurrieq*. Malta, Parroċċa Żurrieq.

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Malta.

Vella, H.C.R. ed. (2008a). *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. II. Malta, Kunsill Lokali Kirkop.

Vella, H.C.R. (2008b). *L-Imwiet f'Ħal Kirkop: 1798-1840*. F'H.C.R. Vella ed. (2008a), 172-195.

Vella, H.C.R. (2008ċ). *Individwi ta' interess speċjali msemmija fir-reġistri ta' Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008a), 196-210.

Vella, H.C.R. (2008d). *Ismijiet it-toroq ta' Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008a), 211-259.

Vella, H.C.R. (2008e). *Senglea, Civitas Invicta: l-iskrizzjonijiet li jinsabu fit-tliet knejjes ta' Senglea*. Malta.

Vella, H.C.R. (2009). "1959-2009: l-ewwel ħamsin sena minn mindu ġie mżejjen il-Kor tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Kirkop: Kappillan Dun Pawlu Pace", Għaqda Mużikali San Leonardu – Ħal Kirkop, *Festa 2009: Bil-mewt tiegħek sawwartna fil-fidi*, 114-124.


**Riferenzi**

1 Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

2 Arkivju ta' San Ġiljan, Senglea, Arkivju tal-Katidral ta' Għawdex u Arkivju tal-Għarb.

3 Ara wkoll Simon Mercieca (2008), 44.

4 A. Ferres (1866), 48-49.

5 Missier Dun Duminku ma setax kien Gabriel, l-uniku isem ieħor taħt "Duminku Ellul" ta' dik l-epoka, peress li dak Duminku Ellul, bin Gabriel, kien wara żżewweġ.

6 H.C.R. Vella (2006), 126.

7 H.C.R. Vella (2006), 96. Dawn Lazzru Ellul u Imperja Zammit huma antenati ta' ibni Jerome kif ġej: Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Ħal Kirkop) > Francis Vella-Theresa Bartolo (Tas-Sliema) > Ġwanni Battista Vella-Marija Konċetta Attard (iż-Żejtun) > Wiġi Attard-Eliżabbetta Cachia (Ħal Għaxaq) > Klement Attard-Katerina Caruana (iż-Żejtun) > Wiġi Attard-Katerina Bonnici (iż-Żejtun) > Ġwanni Battista Bonnici-Grazzja Ellul (iż-Żejtun) > Indrì Ellul-Roża Vella (iż-Żejtun) > Franġisku Vella-Katerina Schembri (iż-Żejtun) > Vinċenz Vella-Marija Mangion (Ħal Kirkop) > Ġlormu Mangion-Mattja Ellul (Ħal Kirkop) > Lazzru Ellul-Imperja Zammit (l-Imqabba).

8 H.C.R. Vella (2006), 127, 130.

9 H.C.R. Vella (2006), 168.

10 A. Ferres (1866), 511.

11 H.C.R. Vella (2006), 169.

12 H.C.R. Vella (2006), 170.

13 H.C.R. Vella (2006), 169.

14 H.C.R. Vella (2006), 126-129, u 169.

[15] H.C.R. Vella (2006), 170.
[16] H.C.R. Vella (2006), 59-60.
[17] H.C.R. Vella (2006), 57. Dawn Duminku Ellul u Marietta Mizzi huma antenati ta' ibni Jerome kif ġej: Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Ħal Kirkop) > Francis Vella-Theresa Bartolo (Tas-Sliema) > Ġużeppi Bartolo-Marija Attard (Tas-Sliema) > Franġisku Saverju Attard-Tereża Vella (in-Naxxar) > Ġwanni Attard-Marija Attard (in-Naxxar) > Pietru Attard (missier Marija)-Roża Stivala (in-Naxxar) > Ġwanni Marija Attard-Duminka Vella (in-Naxxar) > Pietru Attard-Anna Bonnici (Ħaż-Żebbuġ) > Mikiel Bonnici-Marija Zahra (Ħaż-Żebbuġ) > Alessandru Bonnici-Roża Ellul (Ħal Kirkop) > Ġwanni Duminku Ellul-Elena (Ħal Kirkop) > Valerju Ellul-Agata Grech (Ħal Kirkop) > Gabriel Ellul-Marjetta Magro (l-Imqabba) > Duminku Ellul-Marjetta Mizzi (Ħal Kirkop).
[18] H.C.R. Vella (2006), 96.
[19] H.C.R. Vella (2006), 55.
[20] H.C.R. Vella (2006), 298.
[21] H.C.R. Vella (2006), 189.
[22] H.C.R. Vella (2006), 95. Ġwanni Pawlu Chircop u Ġulja huma antenati ta' ibni Jerome kif ġej: Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Ħal Kirkop) > Pawlinu Caruana-Mary Consiglio (iż-Żejtun) > Karlu Caruana-Verġinja Tabone (iż-Żejtun) > Karmenu Caruana-Katerina Attard (iż-Żejtun) > Franġisku Caruana-Maria Farrugia (iż-Żejtun) > Mikiel Farrugia-Ġlorma Montebello (iż-Żejtun) > Franġisku Farrugia-Tereża Abela (iż-Żejtun) > Mikiel Abela-Katerina Formosa (iż-Żejtun) > Karlu Abela-Grazzja Portelli (Ħaż-Żabbar) > Natale Portelli-Katerina Tanti (ir-Rabat) > Ġużeppi Tanti-Marija Chircop (Ħad-Dingli) > Ġwanni Pawlu Chircop-Ġulja (Ħaż-Żebbuġ).
[23] H.C.R. Vella (2008b), 174.
[24] H.C.R. Vella (2006), 304.
[25] H.C.R. Vella (2006), 300.
[26] Ara S. Mercieca (2008), 42.
[27] Ara S. Mercieca (2008), 41-45.
[28] Dwar referenzi fuq Dun Ġużepp Barbara, ara H.C.R. Vella (2008d), 237-240.
[29] Din id-data, li hija korretta, taqbel ma' dak li qal Dun Franġisku Xuereb, Viċi-Aġutur tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, li Dun Ġużepp kellu 90 sena meta miet. 90 sena qabel l-1932, is-sena meta miet, teħodna lura sas-sena 1842, is-sena meta twieled. Din is-sena ma taqbel xejn ma dak li hemm imniżżel fl-iskrizzjoni li tidher taħt il-pittura ta' Dun Ġużepp u li tinsab fuq il-bieb tas-sagristija tal-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Kirkop. Id-data tal-iskrizzjoni tgħid żbaljatament li Dun Ġużepp twieled fil-15 ta' Marzu, 1934. Jidher ukoll li dawn id-dati xi darba ġew imbagħbsa b'id ta' xi ħadd li ma jafx kif jitkejlu d-dati bil-Latin!
[30] Din id-data wkoll ġiet żbaljata minn min kiteb jew bagħbas l-iskrizzjoni taħt il-pittura ta' Dun Ġużepp fil-Lunzjata, li tgħid li Dun Ġużepp miet fis-16 ta' Jannar, 1932.
[31] Fuq il-pittura ta' Dun Ġużepp Barbara, ara K. Cassar (2008), 303.
[32] Arkivju Parrokkjali Kirkop (A.P.K.), *Liber baptizzatorum, sub diebus baptizzatorum.*
[33] H.C.R. Vella (2005), 49, 51.
[34] A. Ferres (1866), 434.
[35] Ara H.C.R. Vella (2006), 230, magħmudija ta' Ġużeppa Bugeja tal-31 ta' Lulju, 1777.
[36] H.C.R. Vella (2006), 246.
[37] H.C.R. Vella (2006), 229-231.
[38] A. P. K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
[39] H.C.R. Vella (2006), 211. Dwar l-antenati ta' Ġużeppi u Annunzjatu Dingli minn Ħal Balzan, ara numru 3, fuq, taħt "Karta Ġenealoġika".
[40] H.C.R. Vella (2008ċ), 198.
[41] H.C.R. Vella (2009), 114-124.
[42] Arkivju Parrokkjali Sant' Elena, Birkirkara, *Libri baptizzatorum matrimoniorumque, sub diebus baptismi et matromonii.*
[43] Arkivju Kolleġġjata Birkirkara, "korrispondenza".
[44] H.C.R. Vella (2008e), 72.
[45] M.J. Schiavone ed. (2009), 1260-1261.
[46] M.J. Schiavone ed. (2009), 978-979.
[47] Arkivju Kolleġġjata Birkirkara, "korrispondenza".
[48] H.C.R. Vella (2008e), 72.
[49] M.J. Schiavone ed. (2009), 242-245.